SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

10 ta' Diċembru 2025*

"Politika kummerċjali – Protezzjoni kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali ta' leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz – Miżuri restrittivi meħuda mill-Istati Uniti kontra l-Iran – Sanzjonijiet sekondarji li jipprekludu lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni milli jkollhom relazzjonijiet kummerċjali mal-impriżi fil-mira tal-imsemmija miżuri – Projbizzjoni li wieħed jikkonforma ruħu ma' tali leġiżlazzjoni – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza persuna ġuridika tal-Unjoni tikkonforma ruħha ma' dik il-leġiżlazzjoni – Komunikazzjoni tad-deċiżjoni lill-impriża fil-mira tal-miżuri restrittivi tal-pajjiż terz – Effett retroattiv – Teħid inkunsiderazzjoni tal-attivitajiet ta' din l-impriża esklużi mill-iskop tal-imsemmija miżuri"

Fil-Kawża T-518/23,

Middle East Bank, Munich Branch, stabbilita f'München (il-Ġermanja), irrappreżentata minn C. Franz u N. Bornemann, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Kellerbauer u L. Puccio, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Clearstream Banking AG, stabbilita f'Eschborn (il-Ġermanja), irrappreżentata minn C. Schmitt u T. Bastian, avukati,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

komposta, matul id-deliberazzjonijiet, minn S. Papasavvas, President, A. Marcoulli (Relatriċi), J. Schwarcz, W. Valasidis u L. Spangsberg Grønfeldt, Imħallfin,

Reġistratur: S. Jund, Amministratriċi,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b'mod partikolari:

– l-intervent tal-intervenjenti ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Marzu 2024,

– in-nota ta' adattament tar-rikors ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Ottubru 2024 u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-intervenjenti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Novembru u fis-16 ta' Diċembru 2024, rispettivament,

– il-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tad-9 ta' Diċembru 2024 u r-risposta tal-Kummissjoni ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Diċembru 2024,

– il-motivi ġodda ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Jannar 2025 u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-intervenjenti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 u fil-21 ta' Frar 2025, rispettivament,

– id-deċiżjoni tal-President tat-Tieni Awla Estiża li n-nota ta' adattament tar-rikors ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Ġunju 2025 ma tiġix inkluża fil-proċess,

wara s-seduta tal-10 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Middle East Bank, Munich Branch, qiegħda titlob l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023) 2963 final tas-27 ta' April 2023 li tagħti awtorizzazzjoni lill-intervenjenti, Clearstream Banking AG, taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 75) (iktar 'il quddiem l-"ewwel Deċiżjoni kkontestata"), kif ukoll tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2024) 4478 final tal-24 ta' Ġunju 2024 li tagħti lill-intervenjenti awtorizzazzjoni ġdida taħt l-istess dispożizzjoni sa fejn għandhom x'jaqsmu ċerti titoli jew fondi li jinsabu fil-kustodja tagħha (iktar 'il quddiem it-"tieni Deċiżjoni kkontestata").

Fatti li wasslu għall-kawża u fatti li ġraw wara l-preżentata tar-rikors

2 Fit-8 ta' Mejju 2018, il-President tal-Istati Uniti tal-Amerika ħabbar id-deċiżjoni tiegħu li joħroġ lil pajjiżu mill-Ftehim Nukleari Iranjan, iffirmat fi Vjenna (l-Awstrija) fl-14 ta' Lulju 2015, u li jintroduċi mill-ġdid is-sanzjonijiet kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran li kienu tneħħew abbażi ta' dan il-ftehim tal-aħħar. Dawn is-sanzjonijiet jipprojbixxu, b'mod partikolari, lill-persuni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika (sanzjonijiet primarji) u dawk li ma jaqgħux taħtha (sanzjonijiet sekondarji), bħalma huma persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea, milli jżommu relazzjonijiet kummerċjali mal-persuni li jinsabu fil-"Lista ta' Ċittadini Espliċitament Identifikati u ta' Persuni b'Assi Bblukkati" (Specially Designated Nationals and Blocked Persons List) (iktar 'il quddiem il-"Lista SDN"), imfassla mill-Office of Foreign Assets Control (OFAC) (l-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Assi Barranin (OFAC), l-Istati Uniti).

Fuq ir-rikorrenti, l-intervenjenti u r-relazzjonijiet tagħhom

3 Ir-rikorrenti hija l-fergħa Ġermaniża tal-bank Iranjan Middle East Bank (MEB). Fl-2019, abbażi ta' kuntratt ta' depożitu konkluż ma' bank Ġermaniż ieħor, ir-rikorrenti akkwistat xi bonds.

4 MEB ilha fil-Lista SDN mix-xahar ta' Novembru 2018, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sanzjonijiet primarji, u mit-8 ta' Ottubru 2020, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sanzjonijiet sekondarji.

5 L-intervenjenti hija kumpannija Ġermaniża. Hija responsabbli għar-regolament tat-titoli, għaż-żamma ta' titoli u għall-ġestjoni ta' titoli nazzjonali u barranin. Hija l-uniku bank depożitarju ta' titoli awtorizzat fil-Ġermanja.

6 B'hekk, l-intervenjenti hija responsabbli li żżomm it-titoli tar-rikorrenti.

7 Peress li l-intervenjenti bblokkat it-titoli tar-rikorrenti, il-bank ta' depożitu Ġermaniż ta' din tal-aħħar ma setax jeżegwixxi ordni ta' bejgħ tat-titoli mogħtija mir-rikorrenti fis-16 ta' Jannar 2020.

8 Fid-29 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti, peress li ma setgħetx tikseb informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tat-titoli tagħha, ippreżentat rikors kontra l-intervenjenti quddiem il-Landgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja). Dan ir-rikors ġie miċħud.

9 Fit-22 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti ppreżentat appell quddiem l-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main), il-qorti li quddiemha l-intervenjenti pproduċiet, fl-20 ta' Diċembru 2022, it-talba għal awtorizzazzjoni li hija kienet ressqet lill-Kummissjoni Ewropea, fis-26 ta' Frar 2021, taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 (iktar 'il quddiem l-"ewwel talba għal awtorizzazzjoni"). Dan l-appell ġie miċħud.

10 Fl-4 u fil-11 ta' April 2023, rispettivament, kemm l-intervenjenti u kif ukoll ir-rikorrenti ppreżentaw appell ta' kassazzjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja).

Fuq il-kuntatti bejn ir-rikorrenti u l-Kummissjoni

11 Wara li, fit-2 ta' Jannar 2023, saret taf bl-ewwel talba għal awtorizzazzjoni, ir-rikorrenti bagħtet ittra lill-Kummissjoni sabiex tinstema' dwar din it-talba. Fit-18 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni kkonfermat li kienet irċeviet din l-ittra. Fil-25 ta' Jannar 2023, ir-rikorrenti għaddiet xi informazzjoni lill-Kummissjoni.

12 Permezz ta' ittra tal-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni stiednet lir-rikorrenti tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel talba għal awtorizzazzjoni. Fis-7 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha. Fl-10 ta' Mejju 2023, hija talbet informazzjoni dwar l-eżitu tal-proċedura għal awtorizzazzjoni.

13 Permezz ta' ittra tal-21 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li, fis-27 ta' April 2023, hija kienet adottat l-ewwel Deċiżjoni kkontestata u kkomunikatilha deskrizzjoni tal-portata ta' din tal-aħħar.

Fuq id-Deċiżjonijiet ikkontestati

14 Permezz tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni awtorizzat lill-intervenjenti tikkonforma ruħha ma' ċerti liġijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika msemmija fl-Anness tar-Regolament Nru 2271/96 (iktar 'il quddiem il-"liġijiet annessi") sa fejn għandhom x'jaqsmu t-titoli jew il-fondi tar-rikorrenti li jinsabu fil-kustodja tagħha għal perijodu ta' tnax-il xahar (iktar 'il quddiem l-"awtorizzazzjoni inizjali").

15 Permezz tat-tieni Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tat awtorizzazzjoni ġdida lill-intervenjenti li ppermettietilha tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi sa fejn għandhom x'jaqsmu t-titoli jew il-fondi tar-rikorrenti li jinsabu fil-kustodja tagħha għal perijodu ġdid ta' tnax-il xahar (iktar 'il quddiem l-"awtorizzazzjoni l-ġdida").

It-talbiet tal-partijiet

16 Ir-rikorrenti titlob, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla l-ewwel u t-tieni Deċiżjoni kkontestata (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, id-"Deċiżjonijiet ikkontestati");

– tiddikjara illegali r-rifjut li jingħata aċċess għall-imsemmija deċiżjonijiet ikkontestati u li dawn jiġu żvelati;

– tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli "testendi" l-awtorizzazzjoni inizjali;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

– tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

17 Barra minn hekk, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali "tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tar-rikors fid-dawl tal-interess ġuridiku [tagħha] […] mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża" u tordna lill-Kummissjoni tipproduċi l-ewwel Deċiżjoni kkontestata.

18 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors kollu kemm hu;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

19 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors kollu kemm hu;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż sostnuti minnha.

Id-dritt

20 Għandu jiġi rrilevat li, minkejja li, fl-atti kollha ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti ressqet total ta' disa' kapijiet tat-talbiet, li kemm il-portata tagħhom, kif ukoll in-numerazzjoni u l-formulazzjoni tagħhom, ġew emendati progressivament, it-talbiet tagħha għandhom jinftiehmu kif jidhru fil-punt 16 iktar 'il fuq. Madankollu, sa fejn, waqt is-seduta, hija sostniet ukoll li hija kienet qiegħda titlob l-annullament tat-tielet deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jiġi ddefinit is-suġġett tat-tilwima qabel ma tingħata deċiżjoni fuq il-kapijiet tat-talbiet li jissemmew fl-imsemmi punt.

21 Barra minn hekk, qabel xejn, sa fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti Ġenerali tordna lill-Kummissjoni tipproduċi l-ewwel Deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li tali talba proċedurali ma hijiex, strettament, "talba" fis-sens tal-Artikolu 76(e) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2002, G vs Il-Kummissjoni, T-199/01, EU:T:2002:271, punt 27), iżda hija talba essenzjalment intiża li l-Qorti Ġenerali tadotta miżura istruttorja taħt l-Artikolu 91(b) tal-imsemmija regoli. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, b'risposta għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni pproduċiet din id-deċiżjoni, kif ukoll it-tieni Deċiżjoni kkontestata, b'tali mod li l-imsemmija talba ma baqgħalhiex skop.

Osservazzjonijiet preliminari fuq is-suġġett tat-tilwima

22 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti sostniet li t-talbiet li jinsabu fil-punt 16 iktar 'il fuq kellhom ikopru wkoll it-tielet deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tagħti awtorizzazzjoni ġdida lill-intervenjenti li tippermettilha tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi sax-xahar ta' April 2026 sa fejn għandhom x'jaqsmu t-titoli jew il-fondi tar-rikorrenti li jinsabu fil-kustodja tagħha, li l-Kummissjoni kienet ikkonfermat l-eżistenza tagħhom waqt is-seduta.

23 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont l-Artikolu 86(1) tar-Regoli tal-Proċedura, fil-verżjoni tagħhom li tirriżulta mill-emendi tat-12 ta' Awwissu 2024 (ĠU L, 2024/2095) li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024, rikorrent jista' jadatta r-rikors mhux iktar tard minn ġimagħtejn wara n-notifika ta' deċiżjoni li tiffissa d-data tas-seduta għas-sottomissjonijiet orali jew qabel in-notifika tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li l-kawża tinqata' mingħajr il-fażi orali tal-proċedura. Issa, f'dan il-każ, billi d-deċiżjoni li tiffissa d-data tas-seduta għas-sottomissjonijiet orali ġiet innotifikata lir-rikorrenti fil-11 ta' April 2025, it-terminu ta' ġimagħtejn min-notifika ta' din id-deċiżjoni skada fil-25 ta' April 2025, b'tali mod li t-talba li għamlet ir-rikorrenti waqt is-seduta sabiex ir-rikors jiġi estiż għat-tielet deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 22 iktar 'il fuq ma tressqitx fil-ħin u hija, konsegwentement, inammissibbli.

Fuq it-tieni u t-tielet kap tat-talbiet tar-rikorrenti

24 L-ewwel nett, waqt is-seduta, ir-rikorrenti indikat li, għalkemm, fil-fehma tagħha, ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-tielet kap tat-talbiet imsemmi fil-punt 16 iktar 'il fuq, li permezz tiegħu hija titlob lill-Qorti Ġenerali tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli "testendi" l-awtorizzazzjoni inizjali, hija ma kinitx irrinunzjat għal dan il-kap tat-talbiet u sostniet li l-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni dwaru.

25 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità taħt l-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti ordnijiet kontra istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni (ara d-digriet tat-22 ta' Settembru 2016, Gaki vs Il-Kummissjoni, C-130/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:731, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, l-imsemmija talba għandha tiġi miċħuda minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni tagħha.

26 It-tieni nett, sa fejn għandu x'jaqsam it-tieni kap tat-talbiet imsemmi fil-punt 16 iktar 'il fuq, li permezz tiegħu r-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiddikjara illegali r-rifjut li jingħata aċċess għad-Deċiżjonijiet ikkontestati u li dawn jiġu żvelati, huwa biżżejjed li jitfakkar li din tal-aħħar ma għandhiex ġurisdizzjoni, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità taħt l-Artikolu 263 TFUE, sabiex tagħti sentenzi dikjaratorji (ara s-sentenza tal-4 ta' Frar 2009, Omya vs Il-Kummissjoni, T-145/06, EU:T:2009:27, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, l-imsemmija talba għandha tiġi miċħuda minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni tagħha.

Fuq l-ewwel kap tat-talbiet tar-rikorrenti

27 Insostenn tal-ewwel kap tat-talbiet imsemmi fil-punt 16 iktar 'il fuq, li permezz tiegħu r-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-Deċiżjonijiet ikkontestati, din tal-aħħar tqajjem tliet motivi, ibbażati, essenzjalment, tal-ewwel, fuq ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività fl-ewwel Deċiżjoni kkontestata, tat-tieni, fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha u, tat-tielet, fuq l-eżerċizzju żbaljat mill-Kummissjoni tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha. Barra minn hekk, wara li d-Deċiżjonijiet ikkontestati ġew prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali b'risposta għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, hija qajmet erba' motivi ġodda, ibbażati, essenzjalment, ir-raba' wieħed, fuq żball ta' fatt, il-ħames wieħed, fuq ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività fit-tieni Deċiżjoni kkontestata, is-sitt wieħed, fuq in-natura impreċiża tad-Deċiżjonijiet ikkontestati u, is-seba' wieħed, fuq żball ta' evalwazzjoni magħmul mill-Kummissjoni.

28 Għalhekk, għandhom jiġu eżaminati l-motivi ppreżentati mir-rikorrenti insostenn tat-talba għall-annullament tad-Deċiżjonijiet ikkontestati, billi jiġu eżaminati, qabel xejn, it-tieni motiv, imbagħad, ir-raba' motiv, warajh, l-ewwel u l-ħames motiv u, fl-aħħar, it-tielet, is-sitt u s-seba' motiv.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti

29 Ir-rikorrenti ssostni li, inkwantu hija ġiet mismugħa, l-ewwel Deċiżjoni kkontestata kellha tkun mmotivata u kellha tiġi kkomunikata lilha fl-intier tagħha. Hija żżid tgħid li hija għandha interess li tkun taf il-motivi tal-imsemmija deċiżjoni u li, f'dan il-każ, il-kwistjoni li tqum hija dik kif l-argumenti tagħha ttieħdu inkunsiderazzjoni.

30 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw dawn l-argumenti.

31 Huwa stabbilit li, f'dan il-każ, wara li ġew adottati d-Deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni ma kkomunikatx lir-rikorrenti t-test sħiħ ta' dawn tal-aħħar, iżda kkomunikatlu biss deskrizzjoni tal-portata tal-ewwel waħda. Barra minn hekk, it-test sħiħ tal-imsemmija deċiżjonijiet ġie kkomunikat lir-rikorrenti biss fil-kuntest ta' din il-proċedura, kif tfakkar fil-punt 21 iktar 'il fuq.

32 Madankollu, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat, kif tirrileva r-rikorrenti stess, li r-Regolament Nru 2271/96 ma jobbligax lill-Kummissjoni tikkomunika deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tiegħu lit-terz fil-mira tal-miżuri restrittivi tal-pajjiż terz (iktar 'il quddiem it-"terz fil-mira tal-miżuri restrittivi"), bħalma hija r-rikorrenti, li fil-konfront tiegħu l-persuna li titlob awtorizzazzjoni, bħalma hija l-intervenjenti, tkun ġiet awtorizzata tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi. L-istess japplika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1101 tat-3 ta' Awwissu 2018 li jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tar-Regolament [Nru 2271/96] (ĠU 2018, L 199 I, p. 7), li l-Artikolu 5(3) tiegħu jipprevedi biss li l-Kummissjoni għandha tinforma lil min iressaq it-talba bid-deċiżjoni finali.

33 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tissostanzja t-tieni motiv b'ebda dispożizzjoni speċifika. Madankollu, sa fejn hija donnha qiegħda ssostni li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE jeżiġi indirettament li l-motivazzjoni tad-Deċiżjonijiet ikkontestati tiġi kkomunikata lilha, għandu jiġi rrilevat li għalkemm l-imsemmija dispożizzjoni tikkonċerna l-motivazzjoni tal-atti ġuridiċi, hija bl-ebda mod ma tirregola l-kwistjoni dwar lil min għandu jiġi kkomunikat att ġuridiku. Barra minn hekk, dwar dan l-aħħar punt, għandu jitfakkar li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, id-deċiżjonijiet li jispeċifikaw lil min huma indirizzati għandhom jiġu kkomunikati lil dawk id-destinatarji. Issa, f'dan il-każ, id-Deċiżjonijiet ikkontestati jispeċifikaw biss lill-intervenjenti bħala destinatarja tagħhom u r-rikorrenti ma ssostnix li hija għandha din il-kwalità.

34 Barra minn hekk, inkwantu l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-motivazzjoni tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata għandhom, minkejja n-natura ġenerali tagħhom, jinftiehmu fis-sens li jallegaw nuqqas ta' motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni sa fejn għandhom x'jaqsmu l-osservazzjonijiet li hija ppreżentat lill-Kummissjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fil-premessa 14 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni fissret l-argumenti li ppreżentat ir-rikorrenti kif ukoll it-tweġibiet tagħha għal dawn tal-aħħar. Għalhekk, f'dan ir-rigward, ma tista' tiġi kkonstatata ebda insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

35 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li, peress li hija ġiet mismugħa matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, hija kellha tirċievi t-test sħiħ tad-Deċiżjonijiet ikkontestati.

36 Huwa minnu li, kif jirriżulta mill-punti 12 u 13 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ġiet effettivament mismugħa matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, wara li talbet lill-Kummissjoni f'dan is-sens, u ġiet informata mill-Kummissjoni bl-eżitu ta' din il-proċedura billi rċeviet deskrizzjoni tal-portata ta' din id-deċiżjoni.

37 Madankollu, dawn iċ-ċirkustanzi ma jistgħux, minnhom innifishom, joħolqu obbligi ġodda lill-Kummissjoni fil-konfront tar-rikorrenti, b'mod partikolari obbligi li d-Deċiżjonijiet kkontestati jiġu kkomunikati lil din tal-aħħar.

38 Fil-fatt, ir-Regolament Nru 2271/96 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101 ma jipprevedu ebda rwol proċedurali għat-terzi fil-mira tal-miżuri restrittivi, liema terzi la għandhom jiġu informati u lanqas mismugħa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96. Fi kliem ieħor, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jistabbilixxi sistema li fil-kuntest tagħha l-interessi tal-imsemmija terzi ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni u dawn it-terzi ma għandhomx

jiġu involuti fil-proċeduri mmexxija taħt l-imsemmija dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2023, IFIC Holding vs Il-Kummissjoni, T-8/21, EU:T:2023:387, punti 107 u 111).

39 B'hekk, imqar jekk, f'każ partikolari, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tisma' lit-terz fil-mira tal-miżuri restrittivi, b'mod partikolari sabiex tikseb informazzjoni jew sabiex tinformah bl-eżistenza jew bl-eżitu ta' proċedura mmexxija taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, tali ċirkustanza ma jistax ikollha l-konsegwenza li tiżbilanċja s-sistema li stabbilixxa l-leġiżlatur fil-kuntest tal-imsemmi regolament u, b'mod partikolari, li timponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tikkomunika lil tali terz deċiżjoni li tkun ittieħdet taħt l-imsemmija dispożizzjoni.

40 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-rikorrenti, l-eżistenza ta' tali obbligu tal-Kummissjoni ma tistax tiddependi mill-interess, jew saħansitra mill-utilità, li r-rikorrenti tista' tislet minnu, minħabba b'mod partikolari li jkun interessanti li jkun magħruf kif l-argumenti tagħha jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni.

41 Minn dan jirriżulta li, f'dan il-każ, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni, mitluba mir-rikorrenti, semgħet lil din tal-aħħar matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata u kkomunikatilha deskrizzjoni tal-portata ta' din id-deċiżjoni ma ħolqilhiex l-obbligu li tikkomunikalha la l-imsemmija deċiżjoni u lanqas it-tieni Deċiżjoni kkontestata.

42 Fit-tielet lok, sa fejn ir-rikorrenti qiegħda tallega ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha inkwantu l-Kummissjoni kien messha kkomunikatilha d-Deċiżjonijiet ikkontestati fil-mument li fih dawn ġew adottati, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 38 sa 41 iktar 'il fuq, hija ma għandhiex tali drittijiet fil-kuntest tas-sistema li stabbilixxew ir-Regolament Nru 2271/96 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101.

43 Għalhekk, ma jistax jitqies li l-Kummissjoni, billi ma kkomunikatx lir-rikorrenti t-test sħiħ tad-Deċiżjonijiet ikkontestati wara l-adozzjoni tagħhom, b'xi mod kisret id-drittijiet proċedurali li r-rikorrenti ma kellhiex, u ma setgħetx iżżomm, fil-kuntest tas-sistema li stabbilixxew ir-Regolament Nru 2271/96 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101.

44 Fir-raba' lok, għandu jitfakkar, fi kwalunkwe każ, li n-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' att, għalkemm jista' jkollu effett fuq il-mument li fih jibda jiddekorri t-terminu għall-preżentata ta' rikors, ma jiġġustifikax, waħdu, l-annullament ta' dan l-att. Huwa minnu li ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li rikorrent iressaq argumenti intiżi li juru li, f'każ partikolari, in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' att ikun ikkaġuna ksur tad-drittijiet tiegħu li jkun jiġġustifika l-annullament tal-imsemmi att (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Lulju 2022, RT Franza vs Il-Kunsill, T-125/22, EU:T:2022:483, punt 82).

45 Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ressqet ebda argument quddiem il-Qorti Ġenerali li jippermetti li jitqies li n-nuqqas ta' komunikazzjoni tat-test sħiħ tad-Deċiżjonijiet ikkontestati wara l-adozzjoni tagħhom kiser id-drittijiet tagħha, liema ksur jiġġustifika, minnu nnifsu, l-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet.

46 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, wara li l-Kummissjoni informatha bil-portata tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti setgħet tippreżenta dan ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tikkontesta l-legalità tiegħu.

47 Minn dak kollu premess jirriżulta li t-tieni motiv ma huwiex fondat u għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq żball ta' fatt

48 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjonijiet ikkontestati huma msejsa fuq bażi fattwali żbaljata. Fihom il-Kummissjoni indikat, b'mod żbaljat, fil-premessa 13 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata u fil-premessa 11 tat-tieni waħda, li MEB kienet proprjetà tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, filwaqt li dan huwa bank ikkwotat fil-Borża ta' Teheran (l-Iran) li l-azzjonijiet tiegħu huma essenzjalment proprjetà ta' investituri privati. Fil-premessa 37 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, hija tat importanza deċiżiva lil dan il-fatt żbaljat, billi kklassifikat lil MEB bħala "entità Iranjana". Barra minn hekk, fil-premessi 21 u 22 ta' din id-deċiżjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni ftehim li impriża oħt tal-intervenjenti kkonkludiet mal-awtoritajiet Amerikani dwar il-bank ċentrali Iranjan u għalhekk hija sitwazzjoni differenti minn dik ta' impriża privata stabbilita fl-Iran, bħalma hija MEB.

49 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw dawn l-argumenti.

50 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, fil-fatt, filwaqt li, fil-premessa 13 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata u fil-premessa 11 tat-tieni waħda, il-Kummissjoni indikat li MEB kienet proprjetà tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, ir-rikorrenti sostniet, mingħajr ma ġiet validament kontradetta mill-Kummissjoni, li MEB kienet bank privat Iranjan. Mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta, il-Kummissjoni ammettiet li l-informazzjoni fil-proċess ma jippermettux li MEB titqies li kienet proprjetà tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

51 Madankollu, anki jekk jitqies li l-indikazzjoni li tinsab fid-Deċiżjonijiet ikkontestati dwar il-proprjetà ta' MEB ma hijiex preċiża, dan ma jkollu ebda impatt fuq il-legalità ta' dawn id-deċiżjonijiet.

52 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessi 12 u 13 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata u mill-premessi 10 u 11 tat-tieni waħda, dawn id-deċiżjonijiet ma humiex ibbażati fuq il-fatt li MEB hija proprjetà tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, iżda fuq il-fatt, paċifiku bejn il-partijiet, li MEB tinsab fil-Lista SDN sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sanzjonijiet sekondarji. Huwa għalhekk il-fatt li MEB hija fil-mira tal-imsemmija sanzjonijiet, previsti fil-liġijiet annessi, b'rabta mad-dannu li jsir lill-intervenjenti u lill-Unjoni fil-każ li dawn il-liġijiet ma jkunux osservati, li wassal lill-intervenjenti titlob lill-Kummissjoni tawtorizzaha tikkonforma ruħha mal-imsemmija liġijiet u lil din tal-aħħar tagħtiha awtorizzazzjoni f'dan is-sens. Mill-banda l-oħra, il-fatt li MEB hija proprjetà ta' entitajiet pubbliċi jew privati huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

53 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti, mid-Deċiżjonijiet ikkontestati ma jirriżultax li, insostenn tal-evalwazzjonijiet li wassluha tagħti l-awtorizzazzjoni inizjali, il-Kummissjoni qagħdet fuq il-fatt li MEB kienet proprjetà tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

54 Minn naħa, għalkemm il-Kummissjoni rreferiet għal MEB bħala entità "Iranjana" fil-premessa 37 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, din l-indikazzjoni ma tistax tinftiehem fis-sens li l-Kummissjoni qagħdet fuq il-kunsiderazzjoni li MEB kienet proprjetà tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Fil-fatt, huwa stabbilit li MEB hija kkwotata fil-Borża ta' Teheran, b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet tirreferi għaliha bħala entità "Iranjana" indipendentement mill-proprjetà pubblika jew privata tagħha. Barra minn hekk, ir-rikorrenti stess, fir-rikors, iddeskriviet lil MEB bħala bank "Iranjan".

55 Min-naħa l-oħra, għalkemm il-Kummissjoni rreferiet għal tranżazzjoni li impriża oħt tal-intervenjenti kkonkludiet mal-awtoritajiet Amerikani fil-premessi 21 u 22 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata (kif ukoll fil-premessa 27 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 10 tat-tieni Deċiżjoni

kkontestata), il-fatt, allegat mir-rikorrenti, li din it-tranżazzjoni kienet tikkonċerna r-relazzjonijiet tal-imsemmija impriża mal-bank ċentrali Iranjan, u mhux ma' entità privata, huwa wkoll irrilevanti u ma jfissirx li l-Kummissjoni qagħdet fuq informazzjoni irrilevanti. Fil-fatt, minn dawn il-premessi jirriżulta li l-Kummissjoni, billi rreferiet għall-imsemmija tranżazzjoni, fittxet li tagħti eżempju tar-riskju li tissogra l-intervenjenti fil-każ ta' ksur tal-liġijiet annessi u ta' tranżazzjoni konkluża għal dan l-għan mal-awtoritajiet Amerikani, u dan indipendentement mill-proprjetà pubblika jew privata tal-entità li magħha din l-impriża kellha relazzjonijiet kummerċjali.

56 Minn dak kollu premess jirriżulta li r-raba' motiv huwa ineffettiv u għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ewwel u l-ħames motiv, ibbażati, essenzjalment, fuq ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività

57 Ir-rikorrenti ssostni li l-awtorizzazzjoni inizjali u l-awtorizzazzjoni l-ġdida kellhom effett retroattiv. Fil-fehma tagħha, fl-ewwel Deċiżjoni kkontestata, adottata fis-27 ta' April 2023, il-Kummissjoni awtorizzat lill-intervenjenti tibblokka l-assi tar-rikorrenti mill-mument li fih tressqet l-ewwel talba għal awtorizzazzjoni, jiġifieri fis-26 ta' Frar 2021. Bl-istess mod, it-tieni Deċiżjoni kkontestata tapplika mill-iskadenza tal-awtorizzazzjoni inizjali. Issa, fil-fehma tar-rikorrenti, fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-atti ġuridiċi ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu applikati b'mod retroattiv. La r-Regolament Nru 2271/96 u lanqas ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101 ma jipprevedu tali effett retroattiv, li huwa wkoll eskluż b'mod espliċitu min-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tas-7 ta' Awwissu 2018 intitolata "Mistoqsijiet u Tweġibiet: l-adozzjoni [tar-Regolament Nru 2271/96] aġġornat" (ĠU 2018, C 277 I, p. 4) (iktar 'il quddiem in-"Nota ta' Gwida"), li tindika li talba għal awtorizzazzjoni ma għandhiex effett sospensiv u li dawk li jressqu t-talba huma obbligati josservaw ir-Regolament Nru 2271/96 sakemm tingħata awtorizzazzjoni. Ir-rikorrenti hija tal-fehma li hija għalhekk setgħet leġittimament tqis li l-imsemmija awtorizzazzjonijiet ma kellhom ebda effett retroattiv.

58 Ir-rikorrenti żżid tgħid li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 jipproteġi fuq kollox lill-operaturi tal-Unjoni kontra l-applikazzjoni tal-liġijiet annessi u li tista' ssir deroga minnu biss f'każijiet eċċezzjonali, b'tali mod li awtorizzazzjoni retroattiva tikkostitwixxi żball fl-applikazzjoni effettiva u dissważiva ta' dan ir-regolament. Id-differenza li għamlet il-Kummissjoni bejn in-nuqqas ta' effett sospensiv ta' talba għal awtorizzazzjoni fis-sens tan-Nota ta' Gwida u l-possibbiltà ta' effett retroattiv tal-awtorizzazzjoni hija waħda artifiċjali u ma hijiex prevista fl-imsemmi regolament. Barra minn hekk, f'dan il-każ, ir-rikorrenti tgħid li ma tistax tifhem kif tali effett retroattiv jippermetti li jiġi evitat dannu serju għall-interessi tal-Unjoni jew ta' min ikun ressaq it-talba, billi l-awtorizzazzjoni sħiħa ma ntbagħtitx lilha. Barra minn hekk, fil-fehma tagħha, ma huwiex meħtieġ li l-protezzjoni li toffri awtorizzazzjoni kontra s-sanzjonijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni tkun retroattiva, minkejja li hija tkun ippreġudikata mir-retroattività tal-awtorizzazzjoni.

59 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw dawn l-argumenti.

60 Il-prinċipju ta' ċertezza legali, li huwa wieħed mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa korollarju tiegħu, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jaċċertaw il-pożizzjoni tagħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-25 ta' Settembru 2024, Kirimova vs EUIPO, T-727/20 RENV, EU:T:2024:646, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan

huwa l-każ, b'mod partikolari, meta dawn ir-regoli jkun jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli għall-individwi u għall-impriżi (ara s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2024, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-526/19 RENV, EU:T:2024:864, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Bħala regola ġenerali, il-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi li att tal-Unjoni jidħol fis-seħħ qabel il-pubblikazzjoni tiegħu jew il-komunikazzjoni tiegħu, skont il-każ. Jista' jkun mod ieħor meta, eċċezzjonalment, għan ta' interess ġenerali jkun jeħtieġ li jsir dan jew meta l-aspettattivi leġittimi tal-partijiet ikkonċernati jkunu osservati kif xieraq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' April 2005, "Goed Wonen", C-376/02, EU:C:2005:251, punt 33; tat-13 ta' Frar 2019, Human Operator, C-434/17, EU:C:2019:112, punt 36, u tat-8 ta' Marzu 2023, Assaad vs Il-Kunsill, T-426/21, EU:T:2023:114, punt 212).

62 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, għall-kuntrarju ta' dak li qegħdin jissuġġerixxu l-Kummissjoni u l-intervenjenti, ir-rikorrenti għandha raġun issostni li l-awtorizzazzjoni inizjali u l-awtorizzazzjoni l-ġdida ngħataw affavur tal-intervenjenti b'mod retroattiv permezz tad-Deċiżjonijiet ikkontestati.

63 Fil-fatt, sa fejn għandha x'taqsam, minn naħa, l-ewwel Deċiżjoni kkontestata, huwa minnu li mill-Artikolu 3 tagħha jirriżulta li din hija valida għal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data li fiha tkun ġiet ikkomunikata. Madankollu, l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni jindika, skont il-premessa 39 tiegħu, li l-intervenjenti hija awtorizzata tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi fir-rigward tar-rikorrenti "mid-data li fiha hija tkun ressqet it-talba tagħha għal din l-awtorizzazzjoni". Kif jirriżulta mill-premessa 7 tal-istess deċiżjoni, l-intervenjenti ressqet l-ewwel talba għal awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2021. Konsegwentement, l-awtorizzazzjoni inizjali mogħtija permezz ta' tali deċiżjoni għandha tabilħaqq portata retroattiva, peress li minn qari tal-Artikoli 1 u 3 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li d-data li fiha din l-awtorizzazzjoni tibda tipproduċi l-effetti tagħha ma ġietx iffissata fid-data li fiha hija ġiet ikkomunikata lill-intervenjenti d-deċiżjoni inkwistjoni (adottata fis-27 ta' April 2023), iżda qabel, fid-data li fiha tressqet din it-talba għal awtorizzazzjoni (is-26 ta' Frar 2021).

64 Sa fejn għandha x'taqsam, min-naħa l-oħra, it-tieni Deċiżjoni kkontestata, mill-Artikolu 3 tagħha jirriżulta li din hija valida għal perijodu ta' tnax-il xahar li, skont il-premessa 43 tagħha, jibda jiddekorri mid-data "li fiha tiskadi l-[awtorizzazzjoni inizjali] (26 ta' April 2024)". Konsegwentement, l-awtorizzazzjoni l-ġdida mogħtija minn din id-deċiżjoni għandha portata retroattiva, peress li d-data li fiha din l-awtorizzazzjoni bdiet tipproduċi l-effetti tagħha ma ġietx iffissata fid-data li fiha l-imsemmija deċiżjoni ġiet ikkomunikata lill-intervenjenti (adottata fl-24 ta' Ġunju 2024), iżda qabel, fid-data li fiha skadiet l-awtorizzazzjoni inizjali (is-26 ta' April 2024).

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk, kif issostni r-rikorrenti, il-Kummissjoni setgħetx tagħti, b'mod retroattiv, l-awtorizzazzjoni inizjali u l-awtorizzazzjoni l-ġdida affavur tal-intervenjenti, filwaqt li jitfakkar li r-rikorrenti tissemma fil-motivi u fid-dispożittiv tad-Deċiżjonijiet ikkontestati. Huwa għalhekk fid-dawl tal-pożizzjoni tar-rikorrenti li għandha tiġi eżaminata l-legalità ta' din ir-retroattività.

66 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li r-Regolament Nru 2271/96, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101 u n-Nota ta' Gwida ma jipprevedux b'mod espliċitu l-possibbiltà li l-intervenjenti tingħata awtorizzazzjoni, bħall-awtorizzazzjoni inizjali jew l-awtorizzazzjoni l-ġdida mogħtija mid-Deċiżjonijiet ikkontestati b'mod retroattiv u saħansitra jeskludu b'mod espliċitu tali possibbiltà.

67 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, meta l-kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq ikunu ssodisfatti, is-setgħa tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni li jadottaw att b'effett retroattiv tirriżulta mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma tkun tiddependi mill-eżistenza ta' bażi legali espliċita fil-leġiżlazzjoni kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2024, NRW. Bank vs SRB, T-466/16 RENV, EU:T:2024:111, punt 165).

68 Konsegwentement, in-nuqqas ta' bażi legali espliċita ma tipprekludix il-possibbiltà li, b'mod eċċezzjonali, il-Kummissjoni tagħti awtorizzazzjoni lil min ikun ressaq it-talba taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, kemm-il darba ż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi mfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq ikunu ssodisfatti, jiġifieri, l-ewwel nett, li l-għan li jfittex li jilħaq l-att ikkontestat ikun jeħtieġ li dan tal-aħħar jingħata effett retroattiv u, it-tieni nett, li l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati jkunu ġew osservati kif xieraq.

69 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju ta' dak li targumenta r-rikorrenti, ebda wieħed mill-atti li hija tinvoka ma jeskludi b'mod espliċitu l-possibbiltà li tingħata awtorizzazzjoni b'mod retroattiv, bħall-awtorizzazzjoni inizjali jew l-awtorizzazzjoni l-ġdida mogħtija mid-Deċiżjonijiet ikkontestati. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma ssemmi speċifikament ebda dispożizzjoni insostenn tal-argumenti tagħha, iżda sempliċement tinvoka, sabiex tipprova l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi, it-tweġiba għall-mistoqsija Nru 20 tan-Nota ta' Gwida, li l-portata tagħha ser tiġi eżaminata iktar 'il quddiem.

70 Fit-tieni lok, sa fejn għandhom x'jaqsmu ż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi mfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti essenzjalment issostni, minn naħa, li r-retroattività tal-awtorizzazzjoni inizjali u dik tal-awtorizzazzjoni l-ġdida ma ġewx iġġustifikati mill-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, li hija seta' jkollha l-aspettattiva leġittima li, fid-dawl tal-kontenut tan-Nota ta' Gwida, dawn l-awtorizzazzjonijiet ma jingħatawx b'effett retroattiv.

– *Fuq l-għan li jiġġustifika r-retroattività*

71 Inkwantu l-għan ta' awtorizzazzjoni derogatorja mogħtija mill-Kummissjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 huwa li, f'ċirkustanzi speċifiċi u ġġustifikati kif xieraq, jiġi evitat dannu serju għall-interessi tal-Unjoni jew ta' min ikun ressaq it-talba kaġun tan-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet annessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2023, IFIC Holding vs Il-Kummissjoni, T-8/21, EU:T:2023:387, punt 112), ma jistax jiġi eskluż li, fit-tfittxija ta' tali għan, il-Kummissjoni tista' tiġi mġiegħla tagħti effett retroattiv lil tali awtorizzazzjoni, kemm-il darba dan jirriżulta li jkun meħtieġ fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq, u dan indipendentement anki mill-fatt jekk tali retroattività tkunx intalbet jew le minn min ikun ressaq it-talba.

72 Għandu jitfakkar li l-ewwel kundizzjoni li tissemma fil-punt 61 iktar 'il fuq u li tikkonċerna l-għan li għandu jintlaħaq teħtieġ li jiġi vverifikat jekk id-deċiżjoni retroattiva tfittixx li tissodisfa tal-inqas għan wieħed ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, C-514/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:55, punt 50). F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-atti tal-Unjoni b'effett retroattiv għandhom jinkludu fil-motivi tagħhom, b'mod ċar u inekwivoku, l-indikazzjonijiet li jiġġustifikaw l-effett retroattiv imfittex (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2020, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, T-626/17, EU:T:2020:402, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fid-Deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni indikat b'mod espliċitu r-raġunijiet li wassluha sabiex tagħti effett retroattiv lill-awtorizzazzjoni inizjali u lill-awtorizzazzjoni l-ġdida.

74 Minn naħa, il-premessa 39 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata tindika li l-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti l-awtorizzazzjoni inizjali mid-data li fiha tressqet l-ewwel talba għal awtorizzazzjoni, peress li dan l-għoti kien ġie ddifferit fid-dawl ta' evalwazzjonijiet politiċi u mhux minħabba nuqqas tal-intervenjenti. F'dan ir-rigward, il-premessi 37 u 38 tal-imsemmija deċiżjoni jispjegaw iktar dawn l-evalwazzjonijiet politiċi u r-rabta tagħhom mal-għanijiet li jfittex li jilħaq ir-Regolament Nru 2271/96, kif ukoll mal-għanijiet ta' politika ġenerali tal-Unjoni. Għalhekk, minn din id-deċiżjoni jirriżulta, essenzjalment, li d-dewmien – għad illi ta' dispjaċir – fil-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni ddifferita tal-istess deċiżjoni, għal raġunijiet ta' natura politika li l-intervenjenti ma kellhiex kontroll fuqhom, wassal lill-Kummissjoni sabiex tagħti l-imsemmija awtorizzazzjoni b'mod retroattiv.

75 Min-naħa l-oħra, il-premessa 43 tat-tieni Deċiżjoni kkontestata tindika li l-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti l-awtorizzazzjoni l-ġdida mid-data li fiha skadiet l-awtorizzazzjoni inizjali għal raġunijiet ta' kontinwità fid-dawl tar-riskji għall-interessi tal-intervenjenti u tal-Unjoni. Filwaqt li jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, l-intervenjenti kienet obbligata titlob awtorizzazzjoni ġdida tliet xhur qabel tiskadi din id-deċiżjoni, mill-premessa 14 tat-tieni Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-intervenjenti effettivament talbet awtorizzazzjoni ġdida fil-25 ta' Jannar 2024, jiġifieri tliet xhur qabel skadiet l-awtorizzazzjoni inizjali. Għalhekk, minn din id-deċiżjoni tal-aħħar jirriżulta, essenzjalment, li huwa d-dewmien – daqstantieħor ta' dispjaċir – fil-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar li wassal lill-Kummissjoni sabiex tagħti l-awtorizzazzjoni l-ġdida b'mod retroattiv, fl-interess tal-kontinwità mal-ewwel Deċiżjoni kkontestata.

76 F'dan ir-rigward, għalkemm ir-rikorrenti kienet inizjalment ikkontestat in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni tal-effett retroattiv deċiż mill-Kummissjoni, sussegwentement, hija, wara li rċeviet it-test sħiħ tad-Deċiżjonijiet ikkontestati, li l-Kummissjoni pproduċiet b'risposta għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ma qajmet, lanqas fil-motivi l-ġodda tagħha, ebda argument intiż li jikkontesta l-fondatezza tal-indikazzjonijiet li jinsabu fl-imsemmija deċiżjonijiet b'rabta mal-ġustifikazzjoni ta' dan l-effett retroattiv. Sa fejn ebda argument tar-rikorrenti ma jsemmi tali indikazzjonijiet, din tal-aħħar baqgħet ma wrietx li l-effett retroattiv deċiż f'dan il-każ mill-Kummissjoni ma huwiex opportun jew ma huwiex neċessarju fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq.

77 L-iktar l-iktar, ir-rikorrenti kkontestat, taħt ir-raba' motiv, kif ukoll waqt is-seduta bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, il-konstatazzjoni magħmula fil-premessa 37 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata li MEB hija "Iranjana". Madankollu, din il-konstatazzjoni mhux biss ma hijiex ineżatta għar-raġunijiet irrilevati fil-punt 54 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, tali argument tar-rikorrenti ma jistax juri l-eżistenza ta' żball ta' liġi jew ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni sa fejn għandha x'taqsam il-ġustifikazzjoni tar-retroattività.

78 Konsegwentement, peress li ebda argument tar-rikorrenti ma jista' jikkontesta l-ispjegazzjonijiet li tat il-Kummissjoni fid-Deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tar-retroattività deċiża f'dawn id-deċiżjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma wrietx li l-ewwel kundizzjoni mfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq u li tikkonċerna l-għan li għandu jintlaħaq, kienet nieqsa.

– *Fuq l-aspettattivi leġittimi li n-Nota ta' Gwida setgħet toħloq lir-rikorrenti*

79 L-osservanza tal-aspettattivi leġittimi hija waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex att tal-Unjoni jkun jista', b'osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ikollu effett retroattiv (sentenza tat-8 ta' Marzu 2023, Assaad vs Il-Kunsill, T-426/21, EU:T:2023:114, punt 226).

80 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, peress li r-retroattività ta' att tal-Unjoni hija permessa biss b'mod eċċezzjonali, individwu ma jistax jintalab jipproduċi l-prova li huwa rċieva assigurazzjonijiet li ma huwiex ser jiġi adottat att ta' portata retroattiva, iżda hija l-qorti li għandha tivverifika, abbażi tal-argumenti ta' dan l-individwu u billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li l-att inkwistjoni ġie adottat b'osservanza tal-aspettattivi leġittimi ta' dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2023, Assaad vs Il-Kunsill, T-426/21, EU:T:2023:114, punti 227, 235 u 236).

81 Fil-fehma tar-rikorrenti, hija essenzjalment in-Nota ta' Gwida u, b'mod iktar speċifiku, it-tweġiba għall-mistoqsija Nru 20 ta' din in-nota, li ħolqotilha l-aspettattivi leġittima li awtorizzazzjoni mogħtija taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ma jkollhiex effett retroattiv.

82 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li huwa minnu li n-Nota ta' Gwida la tistabbilixxi regoli u lanqas interpretazzjonijiet legalment vinkolanti (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran, C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 61).

83 Minkejja dan, ġie deċiż li, għalkemm miżuri interni adottati minn amministrazzjoni tal-Unjoni ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "dispożizzjonijiet legali" li l-amministrazzjoni hija obbligata tosserva f'kull każ, dawn madankollu jistabbilixxu regoli ta' kondotta li jindikaw il-prassi li għandha tiġi segwita u li, f'każ li jkun, l-amministrazzjoni ma tistax titbiegħed minnha mingħajr ma tagħti raġunijiet kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Billi tadotta dawn ir-regoli ta' kondotta u billi tħabbar, permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom, li dawn kienu ser japplikaw minn dakinhar 'il quddiem għall-każijiet ikkonċernati, l-amministrazzjoni inkwistjoni qiegħda timponi limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha u ma tistax titbiegħed minn dawn ir-regoli, taħt piena li tinstab ħatja, skont il-każ, ta' ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal dawk tal-ugwaljanza fit-trattament jew tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (ara s-sentenza tal-25 ta' Settembru 2024, Kirimova vs EUIPO, T-727/20 RENV, EU:T:2024:646, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 B'hekk, l-amministrazzjoni tal-Unjoni hija obbligata tosserva l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta hija tapplika l-linji gwida li hija tkun imponiet fuqha nnifisha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Quinn Barlo *et* vs Il-Kummissjoni, C-70/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:351, punt 53).

85 Issa, l-għan tan-Nota ta' Gwida, kif proprju jindikaw il-punti introduttivi tagħha, huwa li "tingħata gwida dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet [tar-Regolament Nru 2271/96]". Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li indikazzjonijiet li jinsabu fl-imsemmija nota jistgħu jiġu interpretati bħala regoli li jindikaw il-prassi li l-Kummissjoni tipproponi li ssegwi fl-applikazzjoni tal-imsemmi regolament u huwa possibbli għalhekk li joħolqu aspettattivi leġittimi lill-persuni kkonċernati, liema possibbiltà għandha, madankollu, tiġi evalwata każ b'każ, skont il-kontenut tal-indikazzjonijiet ikkonċernati.

86 F'dan il-każ, it-tweġiba għall-mistoqsija Nru 20 tan-Nota ta' Gwida li fuqha toqgħod ir-rikorrenti, intitolata "X'inhuma l-effetti tal-awtorizzazzjoni?", taqra hekk:

"It-talba għal awtorizzazzjoni m'għandhiex effett sospensiv. L-awtorizzazzjoni fil-forma ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ssir effettiva mid-data ta' meta tiġi notifikata lill-applikant. Sadanittant, l-operaturi tal-Unjoni huma obbligati li japplikaw [ir-Regolament Nru 2271/96]."

87 Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, tali indikazzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati bħala awtolimitazzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li tagħti portata retroattiva lil awtorizzazzjoni li tista' tingħata taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

88 Fl-ewwel lok, għalkemm it-titolu tal-mistoqsija Nru 20 jirreferi għall-"effetti tal-awtorizzazzjoni", l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fl-ewwel u fit-tielet sentenza tat-tweġiba iktar jikkonċernaw il-konsegwenzi tat-talba għal awtorizzazzjoni. B'hekk, in-Nota ta' Gwida tfakkar, fl-ewwel sentenza tat-tweġiba, li tali talba ma tissospendix l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament Nru 2271/96, b'tali mod li, wara li titressaq it-talba, kif proprju tindika t-tielet sentenza tat-tweġiba, l-operaturi koperti minn dawn l-obbligi għandhom ikomplu josservawhom pendenti d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

89 Issa, kif irrilevat, essenzjalment, il-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-kwistjoni tal-konsegwenzi tat-tressiq ta' talba għal awtorizzazzjoni hija differenti mill-kwistjoni tad-data li fiha tibda tipproduċi l-effetti tagħha awtorizzazzjoni li tista' tiġi adottata fi tmiem il-proċedura amministrattiva li tkun inbdiet bit-tressiq ta' din it-talba.

90 Fit-tieni lok, fit-tieni sentenza tat-tweġiba, in-Nota ta' Gwida tindika li awtorizzazzjoni, li tieħu l-forma ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, "issir effettiva" mill-mument li fih tiġi kkomunikata lil min ikun ressaq it-talba. Għalkemm huwa minnu li din l-indikazzjoni tikkonċerna l-mument li fih awtorizzazzjoni "ssir effettiva" fil-forma ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni kkomunikata lil min ikun ressaq it-talba, hija sempliċement tirrifletti, f'dan ir-rigward, il-kontenut tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.

91 Fil-fatt, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, li huwa regola ġenerali dwar id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet li jispeċifikaw lil min ikunu indirizzati, tali deċiżjonijiet għandhom jieħdu effett malli jiġu kkomunikati lid-destinatarji tagħhom (sentenza tat-13 ta' Frar 2019, Human Operator, C-434/17, EU:C:2019:112, punt 32).

92 Issa, bħalma jirriżulta mill-ġurisprudenza li r-regola ġenerali prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE ma tistax tinftiehem fis-sens li teskludi l-possibbiltà li, b'mod eċċezzjonali, id-data li fiha tidħol fis-seħħ deċiżjoni li tispeċifika lil min hija tkun indirizzata tiġi ffissata f'data qabel dik li fiha tiġi kkomunikata lil dan id-destinatarju kemm-il darba l-kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq ikunu ssodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 2019, Human Operator, C-434/17, EU:C:2019:112, punti 36 u 37), l-istess japplika, *a fortiori*, għat-tieni sentenza tat-tweġiba għall-mistoqsija Nru 20 tan-Nota ta' Gwida. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li l-mument li fih att jidħol fis-seħħ mhux neċessarjament jikkoinċidi ma' dak li fih jibda jipproduċi l-effetti tiegħu, peress li, taħt ċerti kundizzjonijiet, dan l-att jista' jingħata effett retroattiv (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2025, On Air Media Professionals u Different Media, C-416/24 u C-417/24, EU:C:2025:765, punti 44 sa 47).

93 B'hekk, it-tieni sentenza tat-tweġiba għall-mistoqsija Nru 20 tan-Nota ta' Gwida ma tistax tinftiehem fis-sens li, skont il-prassi tal-Kummissjoni, id-data li fiha awtorizzazzjoni tibda tipproduċi l-effetti tagħha neċessarjament tikkoinċidi, f'kull każ, mad-data li fiha d-deċiżjoni li tagħti din l-awtorizzazzjoni tkun ser tiġi kkomunikata lil min ikun ressaq it-talba.

94 Dan ifisser li, fir-realtà, it-tweġiba għall-mistoqsija Nru 20 tan-Nota ta' Gwida mkien ma fiha xi regola ta' kondotta indikattiva li l-Kummissjoni imponiet fuqha nnifisha fir-rigward tar-retroattività ta' awtorizzazzjoni potenzjali, peress li din it-tweġiba sempliċement tfakkar lil dawk li jressqu t-talba li essenzjalment huma jibqgħu suġġetti għall-obbligi li jirriżultaw mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi t-talba tagħhom għal awtorizzazzjoni u li d-deċiżjoni potenzjali tal-Kummissjoni li tagħtihom awtorizzazzjoni derogatorja taħt it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu tidħol fis-seħħ mid-data li fiha din tiġi kkomunikata lilhom. Mill-banda l-oħra, l-indikazzjonijiet li jinsabu f'din it-tweġiba ma jiddeterminawx id-data li fiha awtorizzazzjoni potenzjali tibda tipproduċi l-effetti tagħha u, b'mod partikolari, ma jippreċiżawx jekk din id-data jistax ikollha portata retroattiva.

95 Mill-premess jirriżulta li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, in-Nota ta' Gwida ma tistax toħloq aspettattivi leġittimi fir-rigward tan-nuqqas ta' effett retroattiv ta' awtorizzazzjoni mogħtija taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 u li, konsegwentement, l-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux juru li t-tieni kundizzjoni mfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq u li tikkonċerna l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati, ma kinitx issodisfatta.

96 Minn dak kollu premess jirriżulta li l-Kummissjoni ma kisritx id-derogi li eċċezzjonalment jistgħu, taħt il-kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq, isiru mill-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività u li, konsegwentement, hija ma kisritx dan il-prinċipju. Għaldaqstant, l-ewwel u l-ħames motiv għandhom jiġu miċħuda.

Fuq it-tielet, is-sitt u s-seba' motiv, ibbażati, essenzjalment, fuq żball ta' evalwazzjoni u fuq in-natura impreċiża tad-Deċiżjonijiet ikkontestati

97 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha b'mod żbaljat u sproporzjonat. Hija ssostni li, minħabba li hija toffri esklużivament servizzi fis-settur umanitarju, ma kien hemm ebda theddida għall-intervenjenti f'dan ir-rigward taħt il-liġijiet annessi. Għalhekk, fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni żbaljat meta awtorizzat lill-intervenjenti tibblokka l-assi kollha tagħha bla restrizzjoni, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li dawk użati għal operazzjonijiet umanitarji ma kinux koperti mis-sanzjonijiet previsti fl-imsemmija liġijiet. Il-Kummissjoni kellha, għalhekk, tillimita l-portata tal-awtorizzazzjoni inizjali u tal-awtorizzazzjoni l-ġdida.

98 Fil-fehma tar-rikorrenti, id-dispożittivi tad-Deċiżjonijiet ikkontestati huma eċċessivi, ambigwi u qarrieqa, u dan fid-dawl tal-indikazzjonijiet li jinsabu fil-premessa 14 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata u fil-premessa 42 tat-tieni waħda. Dawn id-dispożittivi għandhom portata assoluta, jagħtu marġni ta' evalwazzjoni lill-intervenjenti u ma jirriflettux il-limitazzjonijiet li jinsabu fl-imsemmija premessi, li, fl-aħħar mill-aħħar, jikkontradixxu 'l xulxin.

99 Ir-rikorrenti żżid tgħid li l-Kummissjoni kien messha vverifikat liema sanzjonijiet hija kienet esposta għalihom u liema tranżazzjonijiet jaqgħu fl-iskop tal-liġijiet annessi, iktar u iktar peress li hija kienet ipprovat li hija kienet esklużivament teżerċita operazzjonijiet umanitarji, liema operazzjonijiet kienu espliċitament esklużi mill-iskop tas-sanzjonijiet previsti fl-imsemmija liġijiet. Fil-fehma tagħha, l-interessi tal-Unjoni ma jistgħux jinkisru serjament minħabba

azzjonijiet li jseħħu fil-qasam umanitarju u t-talba tal-intervenjenti hija bbażata biss fuq it-tilwima eżistenti bejniethom. Hija tqis li l-intervenjenti ma tistax tiddeċiedi meta tranżazzjoni taqa' fl-iskop tal-imsemmija sanzjonijiet, billi tali evalwazzjoni għandha ssir mill-Kummissjoni.

100 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw dawn l-argumenti.

101 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq premessi żbaljati, peress li, għall-kuntrarju ta' dak li hija tallega, mid-Deċiżjonijiet ikkontestati jirriżulta b'mod espliċitu mhux biss li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-attivitajiet li, fil-fehma tagħha, kienu joħorġu mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet, iżda wkoll li, fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni llimitat il-portata tal-awtorizzazzjoni inizjali u tal-awtorizzazzjoni l-ġdida għas-sitwazzjonijiet li fihom il-liġijiet annessi jobbligaw lill-intervenjenti tadotta ċertu aġir fir-rigward tar-rikorrenti.

102 Fil-fatt, minn naħa, fil-punt 2 tal-premessa 14 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni semmiet l-osservazzjoni tar-rikorrenti dwar l-inapplikabbiltà tas-sanzjonijiet minħabba li ċerti tranżazzjonijiet ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u, konsegwentement, indikat li l-awtorizzazzjoni inizjali kienet tawtorizza lill-intervenjenti biss sabiex "tikkonforma ruħha" mal-liġijiet annessi u li, għaldaqstant, it-tranżazzjonijiet eżentati mill-imsemmija liġijiet lanqas ma kienu koperti mill-imsemmija awtorizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, skont din l-indikazzjoni, l-Artikolu 1 tal-ewwel Deċiżjoni kkontestata sempliċement jawtorizza lill-intervenjenti "tikkonforma ruħha" ma' dawn il-liġijiet, u dan biss "sa fejn ikun neċessarju" sabiex "tiffriża" ċerti beni u sabiex "tirrifjuta" ċerti tranżazzjonijiet.

103 Barra minn hekk, għalkemm il-kontenut tal-Artikolu 1 tat-tieni Deċiżjoni kkontestata huwa identiku għal dak tal-Artikolu 1 tal-ewwel waħda, il-premessa 42 tat-tieni Deċiżjoni kkontestata tfakkar b'mod espliċitu li, fid-dawl tal-attivitajiet ta' MEB fil-qasam tal-operazzjonijiet umanitarji, l-awtorizzazzjoni l-ġdida tawtorizza lill-intervenjenti tiffriża ċerti beni u tirrifjuta ċerti tranżazzjonijiet biss sa fejn dan huwa meħtieġ mil-liġijiet annessi u li, konsegwentement, kull tranżazzjoni eżentata mill-imsemmija liġijiet lanqas ma hija koperta mill-imsemmija awtorizzazzjoni.

104 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm ebda kontradizzjoni fil-motivi u fid-dispożittiv tad-Deċiżjonijiet ikkontestati u ebda ambigwità f'dawn tal-aħħar dwar il-portata tal-awtorizzazzjoni inizjali u tal-awtorizzazzjoni l-ġdida.

105 It-tieni nett, il-konstatazzjonijiet li saru fil-punti 101 u 103 iktar 'il fuq jimplikaw ukoll li, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-rikorrenti, il-portata tal-awtorizzazzjoni inizjali u tal-awtorizzazzjoni l-ġdida, u għalhekk tad-Deċiżjonijiet ikkontestati, lanqas ma hija waħda eċċessiva jew assoluta, jew saħansitra sproporzjonata jew impreċiża, iżda hija limitata biss għall-aġir li l-intervenjenti hija marbuta bih taħt il-liġijiet annessi, u dan strettament sa fejn din tawtorizzaha tiffriża ċerti beni u tirrifjuta ċerti tranżazzjonijiet tar-rikorrenti taħt dawn il-liġijiet.

106 It-tielet nett, sa fejn ir-rikorrenti ssostni li kienet il-Kummissjoni li kellha tidentifika kull tranżazzjoni li b'rabta magħha l-intervenjenti kienet awtorizzata tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li tali argument lanqas ma jista' jintlaqa', peress li huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-portata tad-Deċiżjonijiet ikkontestati, kif ġie spjegat fil-punti 101 sa 103 iktar 'il fuq, kif ukoll tal-portata tal-evalwazzjoni li għamlet il-Kummissjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

107 Fil-fatt, fl-evalwazzjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, il-Kummissjoni hija mitluba biss teżamina jekk hemmx riskju li l-interessi ta' min iressaq it-talba jew tal-Unjoni jsofru dannu serju jekk min iressaq it-talba ma jikkonformax ruħu mal-liġijiet annessi fir-rigward ta' terz fil-mira tal-miżuri restrittivi. Sa fejn tali terz huwa fil-mira tal-imsemmija liġijiet, l-eżami meħtieġ mill-imsemmija dispożizzjoni huwa indipendenti mill-kwistjoni jekk ċerti tranżazzjonijiet ta' dan it-terz jistgħux jiġu eżentati taħt dawn il-liġijiet.

108 B'hekk, ma hijiex il-Kummissjoni, taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, li għandha tikklassifika it-tranżazzjonijiet jew beni potenzjali ta' dan it-terz fid-dawl tal-liġijiet annessi, peress li l-Kummissjoni la tista' tivverifika t-tip ta' tranżazzjoni jew ta' ass ta' tali terz u lanqas is-sitwazzjoni tiegħu fid-dawl tal-imsemmija liġijiet u tal-eżenzjonijiet potenzjali tagħhom. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li qiegħda titlob ir-rikorrenti, ma huwiex meħtieġ, f'din il-kawża, li l-Qorti Ġenerali tordna perizja sabiex jiġi interpretat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-liġijiet jew tadotta miżuri oħra sabiex jinkisbu rapporti ta' esperti fuq l-attivitajiet tar-rikorrenti jew sabiex jinstemgħu f'dan ir-rigward l-awdituri tagħha bħala xhieda.

109 Ir-raba' nett, il-fatt, invokat mir-rikorrenti, li l-intervenjenti qiegħda tinterpreta b'mod wiesa' wisq l-awtorizzazzjoni inizjali u l-awtorizzazzjoni l-ġdida fis-sens li tawtorizzaha tiffriża l-assi kollha tagħha, huwa irrilevanti. Fil-fatt, tali fatt jaqa' fl-iskop tal-applikazzjoni korretta tal-imsemmija awtorizzazzjonijiet mill-intervenjenti, u mhux taħt l-iskop tal-legalità tad-Deċiżjonijiet ikkontestati, li jagħtu dawn l-awtorizzazzjonijiet.

110 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi r-rikorrenti, l-awtorizzazzjoni inizjali u l-awtorizzazzjoni l-ġdida ma jħallu ebda marġni ta' evalwazzjoni lill-intervenjenti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, jekk il-liġijiet annessi ma jimponux fuqha l-obbligu li tiffriża ċerti beni jew li tirrifjuta ċerti tranżazzjonijiet tar-rikorrenti, l-imsemmija awtorizzazzjonijiet ma jkunux japplikaw u l-intervenjenti tkun obbligata tosserva l-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2771/96.

111 Il-ħames nett, sa fejn ir-rikorrenti tallega użu ħażin ta' poter, inkwantu l-awtorizzazzjoni inizjali u l-awtorizzazzjoni l-ġdida ngħataw minħabba t-tilwima eżistenti bejnha u l-intervenjenti quddiem il-qrati Ġermaniżi, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-ewwel Deċiżjoni kkontestata ma fiha ebda indikazzjoni f'dan is-sens, iżda hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet oħra. Barra minn hekk, għalkemm mill-premessi 18 u 19 tat-tieni Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-intervenjenti rreferiet għal din it-tilwima fit-talba l-ġdida tagħha għal awtorizzazzjoni, mill-premessa 20 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni eskludiet b'mod espliċitu r-rilevanza tagħha għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni ġdida potenzjali taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96. Għalhekk, din l-allegazzjoni ma tistax tintlaqa'.

112 Minn dak kollu premess jirriżulta li l-argumenti tar-rikorrenti la jistgħu juru li l-Kummissjoni għamlet żball ta' evalwazzjoni, b'mod partikolari sa fejn għandha x'taqsam il-portata tal-awtorizzazzjoni inizjali u tal-awtorizzazzjoni l-ġdida, la li d-Deċiżjonijiet ikkontestati ma humiex preċiżi f'dan ir-rigward, u lanqas li l-Kummissjoni eżerċitat ħażin is-setgħat tagħha. Għaldaqstant, it-tielet, is-sitt u s-seba' motiv għandhom jiġu miċħuda.

113 It-talba għall-annullament tad-Deċiżjonijiet ikkontestati għandha, għalhekk, tiġi miċħuda bħala infondata.

114 Konsegwentement, ir-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu, mingħajr ma hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tiegħu, li r-rikorrenti talbet lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwarha mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), sabiex tiġi ċċarata, fil-fehma tagħha, "[i]r-relazzjoni bejn ir-rikors għal annullament u proċedura għal deċiżjoni preliminari [possibbli]", u li dwarha l-intervenjenti esprimiet dubji. Fil-fatt, minn naħa, sa fejn għandha x'taqsam it-talba tar-rikorrenti, għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprevedi li l-konvenut jista' jitlob lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà tar-rikors mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża, tali talba ma tistax issir, fis-sens ta' dan l-artikolu, mir-rikorrent. Min-naħa l-oħra, sa fejn għandhom x'jaqsmu d-dubji li esprimiet l-intervenjenti, għandu jitfakkar li parti li titħalla tintervjeni f'tilwima insostenn tal-konvenut ma għandhiex *locus standi* sabiex tqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mhux ifformulata fit-talbiet ta' dan tal-aħħar, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma hijiex obbligata tiddeċiedi b'mod espliċitu dwar il-fondatezza ta' din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2022, PNB Banka vs BĊE, T-275/19, EU:T:2022:781, punti 93 u 94 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fi kwalunkwe każ, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, peress li l-eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors jeħtieġ analiżi kumplessa, amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja titlob li r-rikors jiġi miċħud fil-mertu mingħajr ma tingħata deċiżjoni minn qabel dwar l-ammissibbiltà tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer, C-23/00 P, EU:C:2002:118, punt 52).

Fuq l-ispejjeż

115 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kemm-il darba dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet il-kawża, hija għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti, kif mitlub minn dawn tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Middle East Bank, Munich Branch hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Clearstream Banking AG.**

Papasavvas Marcoulli Schwarcz

Valasidis Spangsberg Grønfeldt

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-10 ta' Diċembru 2025.

Firem